MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 300/2006

Kawza fil-lista: 48

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratrici Legali Liliana Buhagiar nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta’ April 1998 jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi, ghar-ragunijiet fuq premessi, u senjatament stante illi l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li setghet

mix-xorta taghha, tfixkel serjament il-hajja mizzewga, ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(c) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg ta’ l-1975;

Illi z-zwieg tal-kontendenti huwa null ukoll peress illi l-kunsens tal-partijiet, jew ta’ min minnhom, kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(d) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg ta’ l-1975;

Illi ulterjorment, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini ta’ l-Artikolu 19(1)(f) ta’ l-istess Att, stante illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom, inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi in fine, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null peress illi xi wahda mill-partijiet rabtet il-kunsens taghha ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1)(g) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg ta’ l-1975.

Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta’ dak kollu fuq premess, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar it-18 ta’ April 1998 huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 19(1)(c), (d), (f) u (g) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg ta’ l-1975;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li:

1. Illi b’ digriet tas-7 ta’ Novembru 2006, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti C D.

2. Illi huma ghad ma ghandhomx mezz kif jistghu jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata, u ghalhekk m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut, illum assenti, fit-18 ta' April 1998 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-kontendenti huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f] u [g] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Mill-provi jirrizulta li wara li l-attrici kienet ilha tohrog mal-konvenut xaharejn, hija nqabdet tqila minnu; izda, ghalkemm kellha xewqa kbira li t-tarbija titrabba f' ambjent ta' familja, il-partijiet ma kienux fil-posizzjoni li jizzewgu minhabba li ma kellhomx flus. Wara t-twelid tat-tifel fit-22 ta' Ottubru 1996 u rizultat ta' l-ghajnuna li l-attrici sabet mill-genituri taghha, il-partijiet zzewgu fit-18 ta' April 2003, meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 24 sena; izda wara konvivenza ta' cirka erba [4] snin il-partijiet isseparaw u fil-11 ta' April 2003 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Ftit wara, il-konvenut siefer lejn l-Ingilterra fejn qed jabita mal-habiba tieghu li kien ilu jaf sahansitra qabel ma ltaqa' ma' l-attrici.

Fid-deposizzjoni[1] taghha, l-attrici tispjega li meta hi skopriet li kienet tqila, hija ma kellhiex flus imfaddlin u lanqas il-konvenut. Ghalkemm hija kienet tahdem, f' dak iz-zmien il-konvenut safa bla xoghol. Sussegwentement huwa sab xoghol iehor, u missier l-attrici ddecieda li jghinhom biex l-attrici tixtri d-dar u taghmel it-tieg u dana wara li kienet ilha teqridlu ghal certu zmien. L-attrici tispjega li hija kellha xewqa kbira biex lit-tifel taghtih l-opportunita' li jkollu father figure u ghalhekk "kelli seba mitt seba sabiex nizzewweg." Peress li hi kienet tghix ma' ommha, u l-konvenut ma kienx jara lit-tarbija spiss. Meta qalet lill-konvenut bix-xewqa taghha li jizzewgu, dan irrispondiha "Mhux xorta ghalija."

L-attrici tghid ukoll li f' dak iz-zmien hija kienet taf li l-konvenut kien jilghab il-karti, izda huwa kien jghidilha li dan kien jaghmlu, mhux ghal flus, izda bhala delizzju. Wara z-zwieg pero' skopriet li dan ma kien delizzju xejn izda kien vizzju li kien hakem lill-konvenut. Hija tghid li qabel iz-zwieg ma kinitx taf li huwa kellu l-vizzju ta' l-azzard u li dan il-vizzju kien daqshekk gravi. Di fatti tul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenut kien jilghab ammonti sostanzjali ta' flus, u kien jiehu l-flus li kienet taqla' l-attrici, biex ikun jista' jossodisfa dan il-vizzju tieghu. L-attrici tghid li l-konvenut kien jissellef il-flus fuq l-idejn u l-kredituri kienu jigu jfittxu lilha biex jithallsu. Tghid li taf li l-konvenut eventwalment kellu harab minn Malta peress li kien tella' djun, ma' negozju li kellu mal-habiba tieghu, fl-ammont ta' Lm60,000.

Illi kwalita' ohra fil-konvenut li tilmenta biha l-attrici, u li kienet ta' ostakolu kbir ghal-konvivenza matrimonjali pacifika ta' bejniethom, kienet dik li l-attrici tiddeskriviha bhala "il-vizzju kbir tan-nisa."

Hija tirrakkonta kif erba'xhur qabel ma' kellhom jizzewgu, l-attrici qabdet lill-konvenut fil-kumpanija ta' mara ohra "rajtu jbusha b' ghajnejja stess"; izda, ghalkemm inqala' l-inkwiet bejn il-partijiet, u wara li l-konvenut kien ipprometta li ma jerghax, l-attrici haffitlu [sforz ta' kemm riedet

[1] Fol.68 *et seq.*

tizzewweg lil missier it-tarbija taghha] u eventwalment izzewgu "ghax jiena vera xtaqt li t-tifel ikollu missieru."

Izda wara sena u nofs mid-data taz-zwieg, hija kienet qabdet lill-konvenut fil-kumpanija ta' mara identifikata b' isimha, "N". Meta ratha l-attrici "hi kienet fuqu, bil-qieghda fuqu" u dan fil-Café' gestit mill-genituri taghha. L-attrici tghid li saret taf li l-konvenut u din il-mara kienu johrogu flimkien qabel ma' l-konvenut kien jaf lilha. Sussegwentement din il-mara, li kienet qieghda tghix l-Ingilterra ma' zewgha, regghet giet Malta.

L-attrici tghid li l-konvivenza matrimonjali ta' bejniethom kienet saret impossibbli, primarjament minhabba l-vizzju serju tal-loghob li kien hakem lill-konvenut, u t-tradimenti da parti ta' zewgha, nonostante li hija kienet haffritlu f' okkazzjoni precedenti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi, u tghatiha affidament. Inoltre, il-versjoni taghha tinsab konfermata mix-xhieda tal-familjari taghha; u ma gietx kontraddetta mill-konvenut, lanqas b' affidavit.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li mill-provi jirrizulta li, ghalkemm esternament il-konvenut ghadda minn ceremonja ta' zwieg ma' l-attrici, internament huwa b' att posittiv tal-volonta' tieghu eskluda obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg li huma dawk bazati fuq unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta lejn il-konvivenza bazata fuq il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Huwa eskluda l-obbligazzjoni tal-fedelta' kif ukoll dak tal-konvivenza bazata fuq il-benessere reciproku.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata ghar-raguni kontemplata fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 unikament imputabbli lill-konvenut assenti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' April 1998. L-ispejjez kollha jkunu kollha a kariku tal-konvenut; izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------